MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Numru. 126/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**VS**

**JOHN PAUL CHETCUTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Paul Chetcuti, ta' 20 sena, bin Angelo u Mary Anne nee' Micallef, imwieled Tal-Pieta' nhar is-7 ta' Marzu, 1986, residenti fi Block E, Flat 1, Triq il-Jum, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 126386(M);

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi perjodu bejn April 2006 u Settembru 2006, xjentement

ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

2. U kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

3. U kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 184, 188, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat John Paul Chetcuti hati tal-imputazzjoni hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------